# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 30 ta' Marzu 2023**

**Kawza Numru: 7**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 838/2018 JVC**

**Nikola Granatirovic (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0129230(A))**

**vs**

**David Bartolo (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 571182M) u Joseph Bartolo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Nikola Granatirovic kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

‘1. Illi l-esponenti ilu snin shah fil-pussess ta l-appartament bin-numru hamsa (5) li jinstab fit-tieni sular tal-blokka appartamenti illi tinstab fin-numru tlieta u tletin (33), Triq Sir Patrick Stuart, Gzira u dana kemm qabel kif ukoll in segwitu ghal skrittura privata ta’ nhar is-17 ta' Settembru, 2014 li l-esponenti u s-sid, il-konvenut David Bartolo, iffirmaw quddiem in-Nutar Andrea Micallef, li rrediga l-istess skrittura, permezz ta’ liema skrittura il-konvenut David Bartolo wieghed lill-esponenti illi huwa ser jiffirma konvenju mieghu rigward il-proprjetà hawn imsemmija u liema skrittura hija l-mertu tal-kawża bhalissa pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti li ghandhar-rikors mahluf bin-numru: 753/2018/TA fl-ismijiet: Nikola Granatirovic v. David Bartolo;

2. Illi dan l-appartament huwa proprjetà tal-konvenut David Bartolo u l-esponenti inghata l-pusses ta' l-istess appartament bi ftehim ma' l-istess konvenut David Bartolo. Il-konvenut l-iehor Joseph Bartolo huwa missier il-konvenut David Bartolo;

3. Illi recentament inqala' dizgwid bejn l-esponenti u l-konvenut David Bartolo rigward l-iskrittura privata imsemmija fl-ewwel premessa ta' dan ir-rikors mahluf u dwar konvenju illi kien sar sussegwentament u l-esponenti kellu jipprocedi gudizzjarjament permezz tal-kawza hawn fuq imsemmija li ghandha r-rikors mahluf bin-numru: 753/20l8/TA fl-ismijiet: Nikola Granatirovic v. David Bartolo;

4. Illi aktar recentament u senjatament bejn nhar il-31 ta' Lulju, 2018 u nhar l-4 ta' Awwissu, 2018 il-konvenuti, jew min minnhom, bil-forza hadu lura l-pussess ta' l-imsemmi fond, biddlu is-serratura tal-bieb ta' barra u ghalhekk abbużivament, illegalment, klandestinament u bi vjolenza biddlu c-cavetta u cahhdu lill-esponenti milli jidhol u jaccedi go l-imsemmi fond u mpedew u qeghdin jimpedixxu lill-esponenti mill-pussess ta' l-istess;

5. Illi ghalhekk il-konvenuti spoljaw bil-vjolenza u/jew bil-mohbi lill-esponenti mill-pussess ta' l-imsemmi fond;

6. Illi ghalhekk kellha ssir dina l-kawża;

7. Illi dawn il-fatti l-esponenti jafhom personalment;

Ghaldaqstant, wara illi jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u illi jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet ta' l-esponenti illi qieghed hawn jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti spussessaw u spoljaw b'mod vjolenti u/jew klandestin lill-esponenti mill-pussess u l-access liberu ta' l-appartament bin-numru hamsa (5) li

jinstab fit-tieni sular tal-blokka appartamenti illi tinstab fin-numru tlieta u tletin (33), Triq Sir Patrick Stuart, Gzira;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju illi jigi lilhom prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti jirreintegraw lill-esponenti fil-pussess u l-access liberu ta’ l-appartament bin-numru hamsa (5) li jinstab fit-tieni sular tal-blokka appartamenti illi tinstab fin-numru tlieta u tletin (33), Triq Sir Patrick Stuart, Gzira u dana billi jergghu jqeghdu kollox fl-istat ta' qabel l-esponenti ma bata l-ispoll u dana billi jaghmlu u jeżegwixxu l-azzjonijiet u x-xoghlijiet kollha necessarji illi jigu lilhom ordnati minn dina l-Onorabbli Qorti nkluzi billi jaghtu c-cwievet kollha ta' l-imsemmi fond lill-esponenti;

3. Fin-nuqqas ta' adempiment min-naha tal-konvenuti, tawtorizza lill-esponenti sabiex jiehu dawk il-mizuri kollha u/jew jeżegwixxi dawk ix-xoghlijiet kollha necessarji sabiex jiehu lura l-pussess effettiv u l-access liberu ta' l-appartament bin-numru hamsa (5) li jinstab fit-tieni sular tal-blokka appartamenti illi tinstab fin-numru tlieta u tletin (33), Triq Sir Patrick Stuart, Gzira, jekk ikun hemm bżonn taht is-sorveljanza ta' perit nominat minn dina l-Onorabbli Qorti, kollox a spejjeż tal-konvenuti, u skond kull direzzjoni

jew ordni illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha illi jkun necessarju jew opportun skont ic-cirkostanzi tal-każ;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti illi huma minn issa stess ingunti in subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata ta' David u Joseph Bartolo li taqra kif isegwi:

1. 'Illi l-azzjoni tar-rikorrent taht l-artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma tista qatt tirnexxi ghaliex ir-rikorrent kien abbanduna l-pussess tal-appartament inkwistjoni. Tant hu hekk li huwa halla l-istess appartament imbattal minn hwejgu;

2. Illi r-rikorrent qatt ma gie mneżża mill-pussess tal-appartament in kwistjoni billi kien hu stess li minn jeddu qabad u telaq minn dan l-appartament biex imur jghix bandohra;

3. Illi l-elementi tal-pussess u tal-att spoljattiv huma neqsin ghalkollox, b'dana li -azzjoni ta' spoll imressqa mir-rikorrent ma tistax tintlaqa';

4. Illi bla hsara ghall-premess, anke kieku stess kellha tintlaqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti, it-tieni u t-tielet talba tar-rikorrent ma jistghux jintlaqghu fil-konfront tal-intimati minhabba li huma

mhumiex is-sidien attwali tal-appartament inkwistjoni u ghalhekk huma m'ghandhomx is-setgha li jaghtu access lir-rikorrent fl-appartament in kwistjoni;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jigi mharrek in subizzjoni.'

Rat fl-atti li ghalkemm ir-rikorrent inghata bosta opportunitajiet sabiex iressaq il-provi tieghu huwa naqas milli jaghmel dan.

Rat il-provi mressqa mill-intimati fosthom affidavits, xhieda, dokumenti, ritratti u sahansitra tellaw lill-istess rikorrent sabiex jixhed.

Rat illi fil-verbal datat 31 ta' Mejju 2022 fejn ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' lill-partijiet li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub fl-atti f'termini mposti fuqhom.

Rat is-sottomissjonijiet li dahlu fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza odjerna tikkonsisti f'kawza ta' allegat spoll vjolenti u klandestin fejn ir-rikorrent jallega li l-intimati wettqu spoll meta fil-perjodu bejn il-31 ta' Lulju, 2018 u l-4 ta' Awwissu, 2018, bil-forza, hadu lura l-pussess tal-fond Feline Flat, Flat 5, 33, Triq Sir Patrick Stuart, Gzira billi biddlu s-serratura tal-bieb ta' barra b'mod abbusiv u cahhdu lir-rikorrent milli jidhol u jaccedi gewwa l-imsemmi fond u mpedewlu l-pussess tal-istess fond.

L-intimati jichdu l-allegazzjonijiet tar-rikorrent u jsostnu li ma sehh l-ebda spoll ghaliex fost ohrajn kien l-istess rikorrent li abbanduna l-fond tant li qabad u telaq minn jeddu u jeccepixxu li jonqsu l-elementi tal-pussess u l-ispoliamtum fuisse neccessarji sabiex tirnexxi l-kawza tentata. L-intimat David Bartolo jeccepixxi wkoll li huwa m'ghadux is-sid tal-fond in kwistjoni.

**Bazi legali:**

Illi l-elementi fil-kawza ta' spoll jirrizultaw mill-artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

"Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, mnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli

jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqiegħda f' dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili."

Illi skont l-artikolu 535 tal-Kap 16 l-azzjoni ta' spoll vjolenti ghandha bhala elementi kostituttivi taghha tlett fatturi: il-pussess ***(possedisse),*** l-att spoljattiv ***(spoliatum fuisse)*** u dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre deduxisse).***

L-*actio spolii* hija radikata fuq l-esigenza ta' utilita' socjali, intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f'idejh, b'dan li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni ghandha l-iskop li tassigura li jigi ripristinat l-ordni socjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tigi qabel xejn reintegrata fil-pussess taghha: *Spoliatur ante omnia restituendum*. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa ta' ordni pubbliku u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jesercitah minghajr l-intervent tal-Qrati.[1]

Illi huwa magħruf ukoll li f'kawzi simili, l-indagini tal-Qorti

---

[1] *Ara Vol.XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500.*

ghandha tkun limitata sew. Fil-kawza fl-ismijiet Delia vs Schembri (deciza mill-Prim' Awla fl- 4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi:

*'L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, li jigi vjolentement jew okkultament mehud minghand il-possessur jew detentur, u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali, u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jeżercitah minghajr intervent tal-Qorti.'*

Illi fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato". (Vol III Sez. 52).

Illi fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit (deciza fit-12 ta' April 1958) jinghad illi:

*'L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.'*

Illi kif ukoll gie ritenut:

*'Kif kellha okkazzjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruza u skarna u ma*

*tinsab f'ebda legislazzjoni oħra u kompliet tghid illi għalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux ġuristi u awturi Franċizi u Taljani huma għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku taghna'*(Cardona vs Tabone, Appel Civili, deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

Konformament, gie ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li:

*'All' attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione ..'*[2]

Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess 'materiale' u 'di fatto[3]'*:*

Spoll vjolent u abbusiv:

*'jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li mar proprio jmur kontra l-persuna spoljata'*[4]

u

*'neanche e permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge non richiede che un possesso materiale di fatto.'*[5]

Ghalhekk pussess qualunque, anki purament materjali u *di fatto*,

---

[2] Ara *Camilleri v Agius P A.20/10/1882.*
[3] *Ara Vol.XXXVII.I.280.*
[4] *Ara Vol.XLI.II.1133.*
[5] *Ara Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49.*

anche qasir hafna u sahansitra momentanju huwa sufficjenti, basta' jkun univoku u ma jkunx bazat fuq mera tolleranza.[6]

Illi dwar it-terminu ta' xaharejn fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet Trevor Arends et vs. Veronica Mizzi deciza nhar il-11 ta' Jannar, 2013 dik il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

*'dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur. Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti indipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le.'*

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Imh. N. Cuschieri) f'Alfred Paul Farrugia nomine v. Peter Paul Cutajar, (13.02.2004) irriteniet illi:

*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privilegggjat ma tistax treggi."*

Aktar specifikatament f'Georgina Borg v. Errol Cassar et (21.10.2002) il-Prim' Awla (Imh. Ph. Sciberras) dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk:

*'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u*

---

6 *Ara Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79.*

*guridikament wieħed kien jistenna in bazi għal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l- azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix- xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.* (MichelAngelo Fenech nomine v. Alfred Camilleri, Prim' Awla, Qorti Civili, per Imh. Said Pullicino, 22 ta' Frar 1992).

**Mertu:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat l-affidavit tal-intimat **Joseph Mario Roger Bartolo** a fol. 25 et seq tal-process. Jixhed li huwa missier l-intimat l-iehor u li jghix fl-istess blokka ta' appartamenti tal-appartament in kwistjoni fil-kaz odjern. Jikkonferma li kien hemm zmien li jaf li r-rikorrent kien jghix fl-appartament in kwistjoni mat-tfajla tieghu u ma' persuna femminili ohra.

L-intimat ikompli jixhed li r-rikorrent kien imur jinqeda bis-servizzi tieghu bhala mekkanik fil-garaxx fejn jahdem. Jghid li f'mument minnhom ir-rikorrent b'mod aggressiv mar jinfurmah li kellu problema ma' ibnu l-intimat l-iehor u talbu sabiex ikellmu

ghaliex kien bghatlu ittra bl-avukat u nterpellah biex johrog mill-appartament fi zmien gimgha. Jsostni li r-rikorrent talbu biex ikellem lill-intimat ibnu David Bartolo biex itih ftit aktar zmien sabiex johrog u l-intimat Joseph Bartolo qallu li kien ser ikellem lil ibnu. L-intimat jixhed li effettivament kellem lil ibnu u dan accetta li jtih tlett gimghat zmien biex johrog u b'dan l-intimat Joseph Bartolo nforma lir-rikorrent. Huwa jghid li r-rikorrent kien accetta u qallu li kollox kien sew. Izid li tlett gimghat wara kien beda jiprova jcempel lir-rikorrent izda kien ghal xejn. Mar u sabu fuq il-post tax-xoghol u staqsieh jekk kienx battal l-appartament. Dan l-intimat jghid li r-rikorrent irrispondih li kien nehha kollox mill-appartament bil-kliem 'The flat is empty'. L-intimat ikompli li hu mar jinforma lil ibnu l-intimat u flimkien dahlu fl-appartament koncernat bin-numru 5 u sabuh vojt mill-effetti personali, hwejjeg u effetti mobiljari kollha tar-rikorrent. L-intimat izid li waqt li r-rikorrent kien jghix fl-appartament hu kien dahal diversi drabi habba xi manutenzjoni u kien jaf x'kien fih l-appartament ghalhekk meta dahlu kien jidher car li r-rikorrent kien nehha kollox mill-istess appartament u zarmah minn hwejjgu. Izid li kienu sabu xi hsarat fl-appartament.

L-intimat Joseph Bartolo xehed ukoll in kontro-ezami a fol. 56 et seq tal-process. Jikkonferma li r-rikorrent kien ilu jghix fl-appartament in kwistjoni snin. Jghid li dwar il-ftehim bejn ibnu u r-rikorrent dwar kif ir-rikorrent kien jghix hemm qatt ma tkellem

ma' ibnu. Jghid li kien dakinhar li r-rikorrent mar fil-garaxx tieghu jinfurmah bl-ittra li qallu l-kliem li kien ser jikser saqajn ibnu l-intimat. Jikkonferma li mieghu r-rikorrent kien talbu aktar zmien biex johrog ghaliex kien ser jizzewweg u hu kien kellem lil ibnu l-intimat l-iehor li kien qabel li jtih tlett gimghat u minn dak iz-zmien ma kienx rega' ra lir-rikorrent imma cempillu ghax kien tah in-numru. Jikkonferma li lilu r-rikorrent ma tahx cwievet izda li ibnu fetah bic-cwievet. Jerga' jikkonferma li meta kien mar fuq il-post tax-xoghol tar-rikorrent dan kien qallu li kien hareg kollox mill-appartament u jzid li dak il-hin huwa ma talbux ic-cavetta ghax kull ma ried kien li johrog mill-post. Jikkonferma li wara dan kollu kien hu li bidel is-serratura tal-fond. Jerga' jikkonferma li meta dahlu fil-fond ghalkemm sabu bosta hsarat, bhala hwejjeg u affarijiet personali ma sabu xejn:

'Il-gwardarobbi kienu vojt. Kollox kien vojt. Sa platti hadu, frieket kien ha, ma kien hemm xejn . . . . abbandunat . . . . kollox . . . bil-borom b'kollox.' (fol. 65 u 66)

Il-Qorti rat ukoll l-affidavit tal-intimat **David Bartolo** a fol. 28 et seq tal-process. Jixhed li kien is-sid tal-appartament numru 5 in kwistjoni fil-blokka msemmija izda dan l-appartament gie mibjugh nhar il-25 ta' Settembru, 2018 lil huh Alan Bartolo u martu. Mal-bejgh jghid li x-xerrejja kellhom il-pussess shih tal-

appartament. Jemfasizza li kien l-istess rikorrent li volontarjament abbanduna l-pussess tal-proprjeta' in kwistjoni:

'Fil-fatt kien zvojtah kompletament. Telqu minn rajh u hallih imnezza u vojt qoxqox minn l-effetti mobiljarji u personali tieghu. Dan inkluz per ezempju l-fridge li kien xtara hu u hwejjeg u sahansitra ikel. Minn jeddu qabad u telaq biex imur ighix band'ohra.' (fol. 28)

Izid li r-rikorrent qatt ma kien ikkomunika mieghu personali jew ilmenta dwar it-talba tal-intimat permezz ta' ittra legali sabiex johrog mill-appartament. Jikkonferma li missieru l-intimat l-iehor kien serva bhala pont ta' komunikazzjoni fuq dan il-punt. Jikkonferma wkoll li fuq talba ta' missieru kien accetta li jaghti tlett gimghat ohra lir-rikorrent biex johrog mill-appartament. Izid li missieru kien qallu li Nikola nfurmah li kien ser jizzewweg xi jiem wara. Izid li wara tlett gimghat, ghalkemm missieru sabha difficli biex jikkomunika mar-rikorrent, finalment kien kellmu fuq il-post tax-xoghol u missieru nfurmah li Nikola kien qallu li l-appartament kien telqu u li nehha l-affarijiet kollha minnu.

L-intimat David Bartolo izid li kien mar ma' missieru fl-appartament u sabuh vojt minn kull effetti personali u hwejjeg ta' Nikola u ta' min kien jghix mieghu. Ma kienx hemm ikel u 'fridge' li kien xtara r-rikorrent ma kinitx ghadha hemm. Izid li

anki ma sabx affarijiet proprjeta' tieghu stess bhal borom u 'cutlery'. Flimkien mal-affidavit tieghu jannetti numru ta' ritratti li l-intimat isostni li ttiehdu dakinhar li hu u missieru dahlu fl-appartament u li skont hu dawn ir-ritratti juru li l-appartament kien thalla vojt.

Il-Qort rat ir-ritratti a fol. 31 et seq tal-process. Mir-ritratti esebiti l-Qorti tirrikonoxxi li tidher kcina vojta kif ukoll bosta ghamara bil-kxaxen vojta u ebda sinjal li kien hemm xi hadd jghix fl-appartament.

L-intimat David Bartolo xehed in kontro-ezami a fol. 48 et seq tal-process. L-intimat jikkonferma li r-rikorrent kellu l-pussess tal-fond in kwistjoni bil-kunsens tieghu abbazi ta' ftehim li dwaru hemm kawza ohra bejn il-partijiet. Jaqbel li fis-sajf tal-2018 nqalghet kwistjoni bejniethom ghaliex ir-rikorrent ried jixtri l-fond minghandu izda l-intimat ma riedx ibieghlu. Jikkonferma wkoll li fil-perjodu ta' Lulju, Awwissu, 2018 huwa ha lura l-post u jaqbel li r-rikorrent ma tahx cwievet. Jixhed li effettivament huwa dahal fl-appartament bl-'ispare key' tieghu. Jikkonferma li wara li dahal bidel is-serratura tal-appartament. Jghid li huwa kien jibza' mir-rikorrent ghaliex ma' missieru l-intimat l-iehor kien hedded li ser jiksirlu saqajh ghalkemm ma ghamilx rapport mal-Pulizija. Izid li ma talbux itih ic-cavetta lura ghaliex kellu l-'ispare key'. Jinsisti li wara li bghat ittra bl-avukat lir-rikorrent, ir-rikorrent kien hareg

bil-kwiet normali. Jikkonferma li sakemm ir-rikorrent kien jghix fil-post il-'fridge' li kien pogga fl-appartament l-intimat kienet telqet u r-rikorrent kien dahhal 'fridge' ohra. Din it-tieni 'fridge', meta hu mar fl-appartament, ma sabiex hemm. Jerga' jikkonferma li fl-appartament meta dahal hu ma sab l-ebda hwejjeg tar-rikorrent jew ta' min kien jghix mieghu. Jemfasizza li sab flat vojt.

Rat a fol. 44 u 68 tal-process ix-xhieda ta' **Marie Claire Tabone** rapprezentanta tal-Melita Limited li kkonfermat li fl-indirizz in kwistjoni r-rikorrent ma kellu l-ebda servizz registrat fuq ismu fid-data tax-xhieda izda kellu servizz fuq l-indirizz in kwistjoni sad-data tal-24 ta' Lulju, 2018. Tghid ukoll li minn Marzu 2018 ir-rikorrent kellu kont iehor miftuh f'indirizz iehor fil-Gzira.

Rat li kienu l-intimati stess li tellghu lir-rikorrent jixhed nhar it-22 ta' Frar, 2022 a fol. 72 et seq tal-process. Huwa jixhed li s-servizz tal-Melita nehhih qabel ma telaq mill-fond. Jinsisti li nehha s-servizz qabel telaq u ghamel ftit jiem minghajr is-servizz u li mill-fond huwa telaq fil-31 ta' Lulju, 2018 u mar jghix gewwa fond iehor fi Triq San Albert fil-Gzira. Jikkonferma wkoll li meta telaq ma halla xejn li kien tieghu u li mieghu ha 'fridge' u kull haga li kienet tieghu fosthom ikel. L-istess rikorrent jikkonferma li kien mar l-intimat Joseph Bartolo fuq ix-xoghol tieghu izda skont hu qallu biex ikellem lill-Avukat tieghu. Jikkonferma li dan mar fit-3 ta' Awwisu, 2018 u li huwa kien telaq mill-appartament nhar il-31

ta' Lulju, 2018. Izid ukoll li kien mar ikellem lill-intimat Joseph Bartolo madwar tlett gimghat qabel biex jinghata aktar zmien biex johrog ghaliex ried jitlaq biex ma jaqlax 'trouble' ghaliex kellu t-tfajla tieghu tqila. Dwar ic-cavetta jigi accennat f'din ix-xhieda li jista' jkun li qal lill-intimat Joseph Bartolo biex ic-cavetta jigborha minghand l-avukat.

**Ikkunsidrat ulterjoment:**

Illi minn analizi tal-provi fl-atti u kif suespost il-Qorti tqis li huwa evidenti li wiehed mill-elementi neccessarji sabiex tirnexxi l-kawza ta' spoll odjerni huwa nieqes u cioe' l-element tal-pussess. Huwa fil-fatt l-istess rikorrent li jammetti li hareg definittivament mill-fond in kwistjoni nhar il-31 ta' Lulju, 2018 u mieghu ha l-affarijiet kollha nkluz 'fridge' u ma halla xejn warajh. Qabel dik id-data kien anki qata' s-servizz tal-Melita. Jikkonferma wkoll li wara xi tlett ijiem l-intimat Joseph Bartolo kien sabu fuq il-post tax-xoghol u r-rikorrent ikkonfermalu li kien battal l-appartament u hareg minnu ghalkemm isemmi wkoll l-Avukat. Jirrizulta li kien wara dan l-inkontru li l-intimati dahlu fil-fond permezz ta' 'spare-key' li kellu l-intimat u fil-fatt sabuh vojt kif anki jevidenzjaw ir-ritratti.

Il-Qorti rat li r-rikors guramentat isostni li l-allegat spoll sehh fid-dati bejn il-31 ta' Lulju, 2018 u l-4 ta' Awwissu, 2018 meta effettivament ir-rikorrent kien gia rrilaxxa l-pussess tal-fond ghalhekk l-element tal-pussess kjarament mhux gustifikat.

In vista ta' dak kollu s-suespost, din il-Qorti fil-fatt tistaqsi ghalfejn gie ntavolat ir-rikors odjern b'allegazzjoni ta' spoll f'dati fejn ir-rikorrent kien jaf ben tajjeb li kien gia' telaq mill-fond jekk mhux biss semplicement jivvessa lill-intimati. Tant hu evidenti li r-rikorrent ma kienx jemmen fis-sahha tal-kaz odjern li lanqas ressaq provi fl-atti u kienu l-intimati, li ghalkemm ma kellhom l-ebda obbligu li jressqu l-ebda prova stante li r-rikorrent ma ressaqx prova wahda, li wrew car lil din il-Qorti li l-kaz odjern infetah kontra l-intimati b'mod frivolu u vessatorju ghall-ahhar!

Il-Qorti ghalhekk abbazi tas-suespost ser tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-intimati, tghaddi sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrent filwaqt li tiddikjarahom ukoll frivoli u vessatorji.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**

**30 ta' Marzu 2023**

**Cora Catania**

**Deputat Registratur**

**30 ta' Marzu 2023**